REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/343

tal-24 ta' Jannar 2022

li jistabbilixxi l-għeluq tas-sajd għal-lingwata komuni fiż-żoni 7h, 7j u 7k minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Franza

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/92 ([2]) jistabbilixxi l-kwoti għall-2021.

(2) Skont it-tagħrif li rċeviet il-Kummissjoni, il-qabdiet tal-istokk tal-lingwata komuni li, l-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Franza jew li huma rreġistrati f'dak il-pajjiż, għamlu fiż-żoni 7h, 7j u 7k, eżawrew il-kwota allokata għalihom għall-2021.

(3) Għalhekk jenħtieġ li jiġu pprojbiti ċerti attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Eżawriment tal-kwota

Il-kwota tas-sajd allokata għall-2021 għal Franza għall-istokk tal-lingwata komuni fiż-żoni 7h, 7j u 7k imsemmija fl-Anness għandha titqies li hija eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Projbizzjonijiet

1. Is-sajd għall-istokk imsemmi fl-Artikolu 1 mill-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Franza jew li huma rreġistrati f'dak il-pajjiż għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata fl-Anness. B'mod partikolari, għandu jkun ipprojbit li jsir tiftix għall-ħut, tfigħ, issettjar jew ġbid tal-irkaptu tas-sajd għall-finijiet tas-sajd ta' dak l-istokk.

2. It-trasbord, iż-żamma abbord, l-ipproċessar abbord, it-trasferiment, it-tqegħid f'gaġeġ, is-simna u l-ħatt l-art ta' ħut u ta' prodotti tas-sajd minn dak l-istokk li jinqabdu minn dawk il-bastimenti għandhom jibqgħu awtorizzati għall-qabdiet meħuda qabel dik id-data.

3. Il-qabdiet mhux intenzjonati ta' speċijiet minn dak l-istokk minn dawk il-bastimenti għandhom jinġiebu u jinżammu abbord il-bastimenti tas-sajd, jiġu rreġistrati, jinħattu l-art u jinqatgħu mill-kwoti f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/92 tat-28 ta' Jannar 2021 li jistabbilixxi għall-2021 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 31, 29.1.2021, p. 31).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Jannar 2022.

Għall-Kummissjoni
F'isem il-President
Virginijus SINKEVIČIUS
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Nru	26/TQ92
Stat Membru	Franza
Stokk	SOL/7HJK.
Speċi	Lingwata komuni (*Solea solea*)
Żona	7h, 7j u 7k
Data tal-għeluq	17.12.2021